~~(1) Ara dan il-Qari, għadd 1, 1955, faċċata 9, għadd 3, 1956, faċċata 67.~~

~~(2) Wieħed Ingliż, George Jeffery, fi ktieb li kiteb fis-sena 1919 (*A Brief Description of the Holy Spulchre*, faċċata 35) isemmi li l-Gran Dûka tat-Toskâna, Ferdinando I, fiż-żmien li Faħar id-Dîn dam l-Italja (1603-1608), ftiehem miegħu biex meta jmur mill-ġdid pajjiżu, jgħinu jisraq il-Qabar ta' Kristu, u jieħdu u jwaqqfu f'nofs ta' knisja f'Firenze. Għal hekk Faħar id-Dîn, hu u sejjer lejn is-Surija, ħa miegħu l-flotta Venezjana, b'kaptan tagħha Inghirami, biex iġġor il-Qabar ta' Kristu lejn Firenze. Ix-xogħol kellu jsir bil-moħbi, u Faħar id-Dîn, mal-Venezjani, daħlu bil-lejl fil-Bażilka biex jaqalgħu l-Qabar. Imma waqt ix-xogħol intebħu bihom il-Griegi u kellhom jitilqu kollox u jaħarbu. Għal hekk Faħar id-Dîn baqa' sejjer lejn Bejrût u l-Gran Duka baqa' bil-knisja battala. Jeffery, minn kliemu jidher li ħaseb li l-Venezjani riedu jieħdu l-Qabar ta' Kristu kollu — kamra żgħira, sħiħa, tal-blat, bl-art u l-itan u s-saqaf, jaqalgħuha sħiħa u jeħduha fuq ġifen! Imma dan ma hux minnu, għax il-kamra fejn kien il-Qabar, kienet imkissra u meqruda b'amar tas-Sultan tal-Eġittu Ħalîf Ħâkem, fis-sena 1009. Dak li riedu jieħdu l-Venezjani kien blokk tal-ġebel, twil xi sitt piedi, għoli tlieta u wiesa' tlieta, li fûqu kien mimdûd il-Ġisem ta' Kristu mejjet. Il-Venezjani nqabdu, għax dal-blokk qabel ma jeħduh kellhom jaqtgħuh min mal-blât, u huma u jaqtgħuh, għamlu l-ħsejjes bil-bqâqen.~~

~~(3) Il-kliem li jgħidu l-Misilmin waqt il-mewt huwa dan: "Axhed, inni amût, fi imân, inn la Ilâha illa Allah, wa Muhammed Rasûl Allah". In-noti t-tlieta tad-Direzzjoni.~~

# IT-TWELID TA' GESU' (*)

Kien wara nżûl ix-xemx, fix-xitwa. Minn ġewwa t-twieqi tad-djâr ta' Betlehem kien jistama' daħk, u ilħna ta' nies t'ċċajta. Il-kerrejja ta' Hamgħân kienet miżgħûda bin-nies: min miexi, min wieqaf, min jitlajja, u ġemgħa kbira minnhom bil-qegħda mal-ħajt, taħt il-ħnejja tal-bieb — ħafna minnhom ħafjin u lebsin ħwejjeġ qodma — jxejjru jdejhom u jitħaddtu bejniethom. Kellhom fuqhom riħa miżża.

Jusef u Mirjam dak il-ħin waslu Betlehem. Xirfu f'bieb il-kerrejja, ħarsu ftit u reġgħu telqu. Kienu mxew in-nhâr kollu u kienu għajjenîn u jixtiequ joqogħdu weħedhom, mal-imħabba safja u qaddisa ta' bejniethom, u mat-twemmîn sħîħ tagħhom f'Alla ta' Israël. Għal hekk, qabdu t-trejqa li tieħu barra mir-raħal, u baqgħu sejrin magħha.

Hemm barra, qalb il-egħlieqi, ma' tûl dik it-trejqa ħâlja min-nies, kien hemm ħemda kbîra. Ir-rîħ kiesaħ ġej minn fuq is-silġ tal-iġbla ta' Hermon u Libnân, kien ukoll heda, wara li bl-infîħ tiegħu, fis-sema, xegħel il-qamar. Il-ftit borra li kienet niżlet, rattbet l-art jiebsa tal-egħlieqi ta' dik in-naħa, u tfiet il-lewn tal-ħamrija, li minn aħmar-samrâni sâr qastni jagħti fl-isfar. Fuq ġenb ta' għolja kien jidher jixgħel nâr, f'nofs il-maħalla, jew *kamp* tas-suldâti tal-għassa Rumâna. U jirtogħod u jitliegħeb, f'dik is-sikta, kien jistama' fil-bgħîd, il-leħen ħelu ta' suqqâfa. Jusef sab naqra ta' għar, u daħal fih, ma' Mirjam, u xegħel l-imnara.

Ftit wara, fis-sema leħħ bħal dawl, u stama' għana li jgħaxxaq: "Sebħ 'l Alla fis-smewwiet, u Sliema fl-art, lin-nies ta' rieda tajba!" U qatgħa Anġli bojod, ijżommu id f'id, dehru jdûru, jitilgħu u jinżlu, f'dak id-dawl, bejn l-art u s-sema. Id-dinja ferħet, għax wara li kien ilha wisq imdejqa tistenna, fl-aħħar għarfet li kien twieled il-Ħellies tagħha!

Din hija l-istorja tal-Milied, li bħal għanja ħelwa u ħafifa, minn żmien twil 'il hawn tingħad lit-tfâl, ta' kull sena. Taħlîta, li togħġob u thenni, ta' stħajjîl u ġrajja. Imma jekk nifthu l-Evanġelju u naqraw fih, l-istorja li nsibu, xotta-xotta, imma ċara u rżina, u bla ebda ħâġa żejda jew miktuba bla ħsieb, ukoll tgħaxxqilna 'l qalbna, għad li ma taqbilx f'kollox mal-oħra. Għax, biex ngħiduha kif inhi: għaliex għandna naħsbu li l-qaddis Jusef kien hekk bla ħsieb, li jieħu lil Mirjam mixja ta' dak it-tul kollu (qrib it-tmenîn mîl), min-Nazaret sa Betlehem, f'toroq ħżiena, fixxitwa, meta kien jâf tajjeb li kien wasal iż-żmien tal-ħlâs tagħha? Inkella, kif ma jħejjix post minn qabel, flok ma jmûr jiġġerra barra, bil-lejl, fid-dlam u l-kesħa, ifittex għar fejn toqgħod Mirjam, li waslet għal ħlâs, li Alla n-nifsu kien fdâlu f'idejh biex jieħu ħsiebha? Ma għandhiex tiddaħħal bħala skuża li f'Betlehem f'dawk il-jiem kien hemm kotra kbîra ta' nies, biex jinkitbu; għax Betlehem kien raħal żgħîr, u ma hemmx raġûni biex jitwemmen li kienu għadd kbîr in-nies, li bħal Jusef u Mirjam, kienu ġew min-naħa bgħîda. U anqas ma hu miktûb fl-Evanġelju li n-nies kollha kellhom jinkitbu fi żmien qasîr. U mbagħad, mîn sa jemmen, li n-nisa ta' Betlehem kienu sa jħallu mara bħalhom, tiġġerra barra bil-lejl, ma tafx fejn sa tmûr toqgħod, l-aktar meta jarawha f'dik il-qagħda?

L-Evanġelju jagħti lil min jifhem li Jusef u Mirjam marru Betlehem għal bil-għân qabel iż-żmien, biex meta jasal jum il-ħlas ikunu qegħdin qagħdhom. Għal hekk miktûb: "U ġara li kienu hemm, meta għalqu jiemha li teħles", (1) kliem li jagħti 'l min jifhem li kienu waslu hemm minn xi żmien qabel. Kull râġel bil-għaqal, f'ħâġa bħal dîk, kien jaħseb qabel iż-żmien, u qisha ereżija li tgħîd li Jusef ma ħasebx għal dâk li kien jaf ċert li kellu jiġri, kif kien dmîr tiegħu li jagħmel. M'hux talli dân, talli aktarx li Jusef għal daqs hekk ħa miegħu Betlehem lil Mirjam, u ma fdahiex fi ħsieb il-ġirien f'Nazaret, ħalli tkun taħt għajnejh u mħârsa minnu waqt it-temma tal-Misteru l-Kbîr, li fih Dâk li kien tnissel minn Rûħ il-Qodos kellu jara d-dawl tad-dinja bħala Bin-Adam.

San Luqa, fid-drawwa tiegħu li jikteb fil-qasîr, u drabi saħansitra qisu nofs kliem, qal biss li Mirjam, malli ġiebet fid-dinja lil Binha, leffitu fil-ħrieqi u medditu ġewwa maxtura, "għax ma kellhomx post fil-*katàlyma*". It-tieni qasma ta' dal-vers turi li san Luqa kitibha biex ifiehem lil min jaqra *għaliex* Mirjam meddet it-Tarbija ġewwa l-maxtura — ħaġa li ma hix egħmil ta' dâri, għax l-ommijiet ma darîx imiddu t-trabi tagħhom fl-imxâtar tal-bhejjem, imma ġewwa l-benniena. Mela dal-kliem tal-Evanġelista ma għandux x'jaqsam mal-wasla ta' Jusef u Mirjam f'Betlehem. U t-test tal-Evanġelju ma jgħîd xejn li ġara xi ħâġa ta' min jiktibha fil-wasla tagħhom, jiġifieri: li marru jfittxu fejn joqogħdu u ma sabûx. Jgħîd biss li: "Mirjam ħelset meta kienu qegħdin hemm!"

Issa, li wasalna sa hawn, irridu nifhmu ħâġa waħda: irridu nifhmu xi ifisser sewwa l-kelma Griega li kiteb san Luqa: *katàlyma*, li bil-għaġla u l-ħeġġa żejda ta' ħafna nies tittieħed li tfisser *lukanda*, jew *kerrejja*. Imma min jagħti dan it-tifsir lil dil-kelma, biex ngħîdu l-anqas, ikun qiegħed m'hux jgħawwiġha biss, imma wkoll jgħaffiġha. Li kieku san

Luqa ried ifisser lukanda, kien jinqeda bil-kelma Griega li tfisser hekk, li hija *pandochèion*, (2) jew wieħed mis-sinônmi tagħha. *xenodochèion*, u *katagògħion*. U kif sa naraw, l-Evanġelju n-nifsu iġiegħlna nifhmu xi tfisser il-kelma *katályma*, għax imexxina fuq l-atar ta' tifsîra t-tajba, tagħha.

San Luqa u san Mark jinqdew bil-kelma *katályma* biex ifissru post ġewwa dâr (xi kamra, jew, għand il-foqra, imqar għar) fejn is-sîd jilqa' l-barranîn jew il-għorba li jiġu għandu minn pajjiżi oħra. L-Appostli jmorru f'isem Ġesù, ijsaqsu lil ħabîb tiegħu fejn hu *l-katályma* (il-post tal-qagħad tal-barranîn) fejn jista' jiekol l-ikla tal-Għîd mal-Ixirka tiegħu. (3) U naħa oħra wkoll san Luqa jinqeda bil-verb "katálysai" biex ifisser il-qagħda ta' Ġesù f'dar Żakkaj, f'Arîħa (4).

Minn dan nifhmu xi ħâġa aħjar mill-għidût ordinarju. Jusef u Mirjam waslu Betlehem ftit żmien sewwa qabel jum il-ħlâs ta' Mirjam, u marru joqogħdu ma' xi ħbieb jew qrâba tagħhom; imma billi dawk kienu nies foqra, u ma kellhomx kamra tajba x'jagħtuhom, tawhom post, bħal għâr qrîb id-dar tagħhom, nofsu mibni u nofsu mħaffer fil-blât. Malli twieled it-Tifel, Ommu medditu fil-maxtûra, għax hemm ma kellhomx aħjâr — jiġifieri ma kellhomx sodda ċkejkna anqas benniena. Min jaf il-Fellaħîn (jiġifieri n-nies tar-rħûla, tal-Palestina), ma jistenniex li f'dârhom sa jsîb egħmâra. Il-marqad tagħhom ikun xi ħasîra mifruxa fl-art, jew xi qabda tiben jew ħuxlief f'xi rokna. Il-plurâl "ma kellhomx" għandu jittieħed li ma kellhomx post ieħor, huma, fejn imiddu lit-Tifel, fil-*katálayma*.

Li meddew it-Tifel f'maxtûra anqas ma għandha tittieħed bħala ħâġa għarîba f'raħal tal-Palestina. Imma dil-kelma nfisha għandha s-siwi tagħha. Għax it-tismija tal-maxtura tagħti s-saħħa lil l-għidût jew *tradizzjoni*, li l-post fejn twieled Ġesù kien egħmâra bħal għâr. U djar ta' dil-għamla, naħa mibnija u naħa mħaffra fil-blât, għad hemm kotra ma' dwar Betlehem, ukoll issa. Innaħa l-imħaffra taqdi bħala maqjel għal bhejjem u maħżen għal ħuxlief u l-ħatab, u, jekk ikun jeħtieġ, jilqgħu wkoll xi għarîb li jkunu jafuh: qarîb jew ħabîb tagħhom.

Meta jkun mifhûm dân, ma jidher xejn għarîb li san Luqa ma jsemmix fejn qagħdu Jusef u Mirjam fiż-żmien li kienu jinsâbu f'Betlehem: għax qagħdu bħal ma joqogħdu l-għorba kollha li jmorru pajjiż ieħor: f'dar il-ħbieb jew qrâba. U għal hekk san Mattew isemmi li s-Saħrîn (jew Saħorîn) meta marru jfittxu lil Ġesù Tarbija sabûh "ġewwa dar", (5) għax il-għâr fejn twieled kien sehem minn dâr, bħal ħafna djâr ta' Betlehem, bil-għar magħhom. Li Ġesù twieled fil-għâr li hu mûri l-lûm, hu mixhûd minn xhieda sħiħa sa minn-nofs tat-tieni seklu, għax semmieh san Ġustinu, (6) bejn is-snin 155 u 160 A.D. Wara semmieh ukoll Oriġenes għal ħabta tal-248 A.D. (7).

P. ANTON OLIVAN O.F.M.

---

(*) Din il-kitba meħuda — jew maqluba, imma m'hux kelma b'kelma — mill-kap V tal-ktieb bit-Taljan ta' Patri Antonio Olivan O.F.M., imsemmi: "Maria nella Sua Terra", mitbugħ Milan, 1958.

(1) Luqa, II, 6. (2) Luqa, X, 34. (3) Luqa, XXII, 11. (4) Luqa, XIX, 7. (5) Matt. II, 11 (6) Nato autem Betlehem puero, cum Joseph in hoc vico non ha-

beret quo diverteret, in specum quemdam vico proximum concessit. Cumque ibi essent, peperit Christum Maria, ac eum in praesepi posuit, ubi a Magis repertus est. (ELS. n. 89) Bil-Malti: *Imma t-Tifel twieled f'Betlehem, għax Jusef f'dar-raħal ma kellux fejn joqgħod. għal hekk daħal f'għar qrib ir-raħal. U kif kienu hemm, Mirjam wildet lil Kristu u qegħditu ġewwa maxtura, fejn kien misjub mis-Saħrin.*

(7) Jam si quis hoc Michaeae vaticinio historiaque in Evangelio a Jesu discipulis scripta minime contentus, ultra quesierit quidpiam aliud quo persuadeatur Jesum in Bethleem natum esse; is recogitet in Bethleem monstrari speluncam in qua natus est, et in spelunca praesepe, ubi et fascis obvolutus; quae omnia consentanea sunt narratae in evangelio de ortu eius historiae. Atque hoc in locis illis pervulgatum est atque etiam apud Fidei hostes celebratum, in illa spelunca natum esse eum quem Christiani adorant et admirantur, Jesum (ELS. n. 90). *Bil-Malti*: *Issa, jekk għal xi ħadd m'humiex biżżejjed it-tħabbira ta' Mikeja, u l-ġrajja li hemm fl-Evanġelju, miktuba mill-Ixirka ta' Ġesu', u jibqa' jfittex xi ħaġa oħra biex jemmen li Ġesu' twieled f'Bet-Lehem; dan għandu jaħseb li f'Bet-Lehem għadu jitwera il-għar, u fil-għar il-maxtura, fejn kien milfuf fil-ħrieqi, li kollox jaqbel ma li hemm miktub fl-Evanġelju fil-ġrajja tat-twelid tiegħu. U dan f'dawk in-naħat hu mxerred sewwa, li ukoll fost il-għedewwa tal-Fidi magħruf li f'dak il-għar twieled Ġesu', dak li jqimuh u jweġġħuħ l-Insara.*

---

# ~~San Gwann l-Evangelista~~

## ~~(27 TA' DICEMBRU)~~

~~San Ġwann l-Evanġelista huwa qaddis, *kbîr ħafna u magħruf ftît.* Dana ġara għax ix-xogħol li għamel f'ħajtu ftît hu magħruf billi aktar ħadem bil-moħbi inkella bid-deher. San Ġwann kellu x-xorti kbîra li jkûn wieħed mit-Tnaxr-Appostlu li għażel Ġesù. U fost dawn it-Tnax kien ukoll wieħed mit-Tlieta ta' ġewwa. U targa', kien l-aktar wieħed għażiż fost dawna t-Tlieta.~~

~~*Is-Sejħa u l-Ħidma*, Ġesù, erbgħîn jum wara li tgħammed, beda jgħallem. U l-ewwel ma sejjaħ għal warajh, kienu żewġt aħwa: Xmun u Indrija. Ftît wara għajjat żewġt aħwa oħra, żewġt itfâl: Ġâkbu u Ġwanni (dân, li sa niktbu fuqu) li kienu ġewwa d-dgħajsa ta' missierhom mal-ixirka, jgħaddu ż-żmien isewwu x-xbiek.~~

~~Għajr dawn Ġesù għajjat miegħu nies oħra sa kemm għaqqad il-għadd ta' tnax. Fost dawna, ix-xogħol ta' san Ġwann, billi kien żgħir, kien li jiġri bil-ġewlaq tal-ħobż wara l-Appostli (qabbel flimkien Gn, VI, 8-9, Mt. XIV, 17, Mk, VI, 38, u Lq IX, 13) u jmurilhom b'xi qadja 'l hawn u 'l hemm. Għal hekk Ġesù qal għalih li kien "iżgħar minn kull ħadd u qaddej ta' kull ħadd" (Mt. XVIII, 4; Mk, X, 44; Lq. XXII, 26-27).~~

~~Dîn li jġib il-ħobż u l-ħût immellaħ minn għand ommu, kien ix-xogħol ta' san Ġwann *fejn jidher*, għax kellu xogħlijiet oħra li ma jidhrux. Għax san Ġwann kien jaqdi ta' turija lill-Appostli l-oħra. Ġesù lilu kien jûri b'mera meta kien irîd jgħallem lill-oħrajn kif għandhom ikûnu dawk li jimxu wrajh. Darba qal lill-Appostli: "Jekk ma titbiddlux u ssiru bħal dat-tifel żgħir, ma tidħlux fil-Melkût (jiġifieri *renju*) tas-Smewwiet" (Mk. IX, 32-36; Mt. XVIII, 1-4).~~

~~*Jgħożżu u Jafdah.* San Ġwann kien aktarx wieħed minn dawk it-tfâl li jgħidulhom *prekoċi*, jiġifieri, kellu~~